

Brussell, 9 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12056/16

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0265 (COD)**

**ECOFIN 784
STATIS 63
CODEC 1227
IA 68**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Settembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 557 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 557 final.

Mehmuż: COM(2016) 557 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.9.2016
COM(2016) 557 final

2016/0265 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)

{SWD(2016) 287 final}

{SWD(2016) 288 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Unjoni Ewropea hija ffaċċjata bi sfidi f'ħafna oqsma ta' politika u d-domanda għall-istatistika Ewropea¹ hija għolja b'mod konsistenti. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki tal-UE huma bbażati fuq informazzjoni statistika komparabbli u ta' kwalità għolja dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali fl-UE u l-komponenti tagħha f'livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika Ewropea hija indispensabbli wkoll jekk "l-Ewropa" għandha tiġi mifhuma mill-pubbliku ġenerali u ċ-ċittadini għandhom jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u jiddibattu dwar il-preżent u l-futur tal-UE.

Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni li jirriżultaw mill-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni², numru ta' lakuni urġenti fl-istatistika jeħtieġ li jiġu indirizzati. Barra minn hekk, il-puntwalità ta' xi statistika Ewropea jeħtieġ li tittiejeb b'mod urġenti, sabiex tipprovdi l-informazzjoni aktar aġġornata meħtieġa fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew.

Minkejja li s-sistemi nazzjonali tal-istatistika għamlu sforz sinifikanti biex jimmodernizzaw il-metodi tal-produzzjoni tagħhom bl-appoġġ tal-Programm Statistiku Ewropew (ESP) tal-2013-2017, l-infrastruttura tal-produzzjoni tal-istatistika kurrenti għadha mhix flessibbli biżżejjed biex twassal statistika ġdida meta meħtieġa, filwaqt li tillimita wkoll l-ispiża assoċjata u l-piż amministrattiv. Taħt l-istatus quo, is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) mhix se tkun f'pożizzjoni li tissodisfa d-domanda dejjem tikber għall-istatistika jew il-ħtieġa li din tkun disponibbli aktar malajr, u għaldaqstant ir-rilevanza tal-istatistika Ewropea tkun qed titpoġġa f'riskju.

F'dan l-isfond, l-għan tal-proposta huwa li testendi l-ESP għall-perjodu 2018-2020 u tipprovdi l-appoġġ finanzjarju li l-ESS teħtieġ sabiex tkun kapaċi:

- tipprovdi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja u tagħlaq il-lakuni fl-istatistika li jeħtieġ li jiġu indirizzati bl-aktar mod urġenti, billi tiffoka fuq numru ta' oqsma prijoritarji li jirriflettu l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni;
- tibni l-kapaċità permanenti meħtieġa biex twieġeb aktar malajr għall-ħtiġijiet emerġenti u tadatta l-infrastruttura tal-istatistika sabiex tisfrutta l-potenzjal ta' sorsi ta' data ġodda; u
- ssaħħaħ is-sħubija fl-ESS u lil hinn minnha sabiex tkompli żżid il-produttività tagħha u tiżgura r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

Il-partijiet li se jkunu affettwati bl-aktar mod dirett mill-proposta huma l-utenti tal-istatistika (eż. dawk li jfasslu l-politika, il-midja u r-riċerkaturi), il-produtturi tal-istatistika (l-istituti

¹ Il-qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huwa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

² https://ec.europa.eu/priorities/sites/beta-political/files/juncker-political-guidelines_en.pdf.

nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra (ONAs)) u dawk li jwieġbu (il-familji u n-negozji).

Billi l-ESP huwa inizjattiva orizzontali, mhuwiex parti mill-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni tal-Kummissjoni (REFIT).

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea jipprevedi li “Il-Programm Ewropew tal-Istatistika għandu jipprovdi qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet ta' azzjonijiet previsti għal perjodu li” jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali. L-ESP jistabbilixxi l-qafas u l-prijoritajiet għall-istatistika Ewropea tul il-perjodu kollu tal-programm u jistabbilixxi wkoll il-baġit biex ikopri dak il-perjodu. Il-programmi ta' ħidma annwali tal-Eurostat huma bbażati fuq l-ESP pluriennali. L-ESP kurrenti, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u li jkopri l-perjodu mill-2013 sal-2017, huwa t-tmien programm tax-xorta tiegħu.

Din l-inizjattiva hija maħsuba biex tistabbilixxi qafas leġiżlattiv għall-ESP tul il-perjodu kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi li l-ESP għandu jiġi implimentat “b'azzjonijiet individwali tal-istatistika” kif jiġu deċiżi:

- mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill;
- mill-Kummissjoni taħt kundizzjonijiet speċifiċi; jew
- fi ftehimiet tal-ESS bejn l-NSIs jew l-ONAs u l-Kummissjoni (Eurostat).

Din il-proposta ma tindirizzax “statistika oħra” kif iddefinita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE³ li mhix statistika Ewropea u li hija identifikata f'eżerċizzju ta' ppjanar u koordinazzjoni mmexxi mill-Eurostat.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-għan ewlieni tal-istatistika Ewropea huwa li ssaħħaħ l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki Ewropej b'informazzjoni statistika affidabbli, oġġettiva, komparabbli u koerenti.

Il-proposta kurrenti se tappoġġja l-10 prijoritajiet politiċi fl-Aġenda tal-Kummissjoni għall-impjegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u l-bidla demokratika u politiki oħra tal-Unjoni bħas-Semestru Ewropew, l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u l-Unjoni Ewropea tal-Enerġija. Il-ħtieġa ta' rispons politiku għall-kriżi ekonomika profonda u l-impatt soċjali tagħha żied id-domanda għal politiki ekonomiċi u soċjali aħjar ibbażati fuq evidenza robusta u komparabbli. Id-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza huma importanti b'mod speċjali għall-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-politiki tal-UE. F'diversi okkażjonijiet, l-aktar riċenti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN tat-8 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill enfasizza l-importanza vitali tal-istatistika uffiċjali għat-tfassil tal-politika.

B'mod partikolari, l-inizjattiva se ssaħħaħ il-politiki tal-Unjoni f'dawn l-oqsma li ġejjin:

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE dwar l-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49).

- f'konformità mal-prijoritajiet ewlenin dwar it-**tkabbir** u l-**ħolqien tal-impjiegi**, il-**hili**, il-**mobbiltà** u t-**tnaqqis tal-faqar** u l-**esklużjoni soċjali**, l-**indikaturi soċjali għandhom jgħinu biex isaħħu d-dimensjoni soċjali tal-UE**, l-**unjoni monetarja Ewropea** u l-**analiżi tal-impatt soċjali tal-politiki makroekonomiċi**;
- biex tiġi appoġġjata l-prijorità tat-**“tisħiħ tal-impjiegi, it-**tkabbir** u l-**investment**”**, aktar **ħidma statistika** hija meħtieġa biex jiġi analizzat l-**impatt fuq it-**tkabbir** u l-impjiegi tat-tibdil teknoloġiku u tal-innovazzjoni** u biex tiddaħħal fis-seħħ sistema ta' **monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari**;
- sabiex tiġi fornuta evidenza statistika aħjar għall-**“Unjoni Ewropea tal-Enerġija”**, hija meħtieġa aktar data dettaljata dwar il-**konsum tal-enerġija** u **stimuli bikrija aħjar tal-bilanċi tal-enerġija**;
- statistika dwar il-**bejgħ transkonfinali online** hija meħtieġa għall-prijorità tas-**“suq uniku diġitali”**. B'mod partikolari, hemm il-**ħtieġa għal aktar informazzjoni dettaljata** dwar l-**aċċess għal servizzi pprovduti minn intermedjarji fid-distribuzzjoni tal-kontenut**, dwar il-**fiduċja fil-pjattaformi online** u fl-**intermedjarji**, u dwar l-**ostakoli li jiffaċċjaw il-familji li jagħmlu xiri transkonfinali**;
- biex tiġi appoġġjata l-prijorità ta' **“unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda u ġusta”**, l-**indiċi armonizzati tal-prezzijiet tad-djar** u **statistika relatata** qed isiru dejjem iżjed importanti fil-**kuntest tal-valutazzjoni tar-riformi strutturali tal-Istati Membri**. Bħala riżultat, l-**utenti** qed jitolbu biex isiru aktar **sforzi** biex jiġu estenzi l-**kamp ta' applikazzjoni** u l-**kwalità tagħhom**; u
- sabiex **“jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali”** u f'konformità mal-**Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli**, l-**istatistika għandha tgħin lill-UE tmexxi** u timmonitorja l-**impatt tal-politiki esterni tagħha** u tal-**programmi ta' għajnuna**, u tikkontribwixxi għal **governanza tajba** u **dibattitu demokratiku f'pajjiżi sħab**.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

• **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tat-**Trattat għall-proposta** hija l-**Artikolu 338 tat-**Trattat**** dwar il-**Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, skont liema l-**Parlament Ewropew** u l-**Kunsill** jistgħu jadottaw miżuri għall-**produzzjoni tal-istatistika fejn meħtieġ għall-attivitajiet tal-Unjoni**. Dak l-**Artikolu** jistabbilixxi rekwiżiti fir-rigward tal-**produzzjoni ta' statistika Ewropea**, billi jiddikjara li din għandha tikkonforma ma' **standards ta' imparzjalità, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, kosteffettività u kunfidenzjalità statistika**.

• **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-**sussidjarjetà** japplika sa fejn il-**proposta** ma taqax taħt il-**kompetenza esklużiva tal-UE**. Il-**kondiviżjoni tal-kompetenza** bejn l-**UE** u l-**Istati Membri** hija ġġustifikata mill-**ħtieġa** li jiġu żgurati l-**kwalità għolja** u l-**komparabbiltà tal-istatistika** li ssaħħaħ il-**politiki tal-UE** u mill-**karattru transnazzjonali ta' ħafna aspetti tal-istatistika inġenerali u tal-istatistika Ewropea b'mod partikolari**. Għalhekk, huwa biss l-**approċċ koordinat għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea** – kif previst fl-**ESP** – li jiggarrantixxi l-**koerenza** u l-**komparabbiltà meħtieġa tal-istatistika** li huma rilevanti għall-**attivitajiet tal-UE**.

L-għan tal-azzjoni proposta, prinċipalment l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea taħt l-ESP estiż għall-perjodu 2018-2020, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għallhekk jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-UE abbażi ta' att legali tal-UE, li jiżgura l-komparabbiltà meħtieġa ta' informazzjoni statistika fuq livell Ewropew fl-isferi statistiċi kollha koperti b'dan l-att. Il-ġbir ta' data nnifsu jista' jitwettaq mill-Istati Membri.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-proposta għal Regolament tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha u ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju għal dan l-iskop. L-għanijiet speċifiċi għall-estensjoni proposta tal-programm huma l-istess bħal fil-programm kurrenti (2013-2017). Dawn huma ddikjarati u ppjanati f'iżjed dettall fil-programmi ta' ħidma statistika annwali tal-Kummissjoni, li jitħejjew f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u jiġu adottati b'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat tal-ESS. Rekwiżiti statistiċi ġodda b'impatt fuq l-Istati Membri se jitħejjew bl-involvement bikri u dirett tal-Istati Membri.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Regolament.

Il-proposta hija li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17⁴, billi jestendih għall-2018-2020.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post /kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-programm statistiku Komunitarju tal-2008-2012, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu⁵ tal-ESP tal-2013-17 u l-evalwazzjonijiet finali tal-programm għall-modernizzazzjoni tal-istatistika Ewropea tal-intrapriża u l-kummerċ (MEETS) ġew analizzati bir-reqqa.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ESP tal-2013-2017 ikkonkludiet li l-programm huwa ġeneralment implimentat sew, bi 17 mit-23 għan iddettaljat fit-triq it-tajba biex jiġu finalizzati. L-ESP joffri valur miżjud tajjeb għall-UE, jitmexxa b'mod effiċjenti, iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti u huwa konsistenti ma' programmi statistiċi oħra. Pereżempju, il-bidla lejn metodi ġodda għall-produzzjoni ta' statistika tgħin l-approċċi użati fl-ESS kollha. L-evalwazzjoni tressaq tliet rakkomandazzjonijiet biex jiggwidaw u jkomplu jottimizzaw l-implimentazzjoni tal-ESP:

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

⁵ Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Statistiku Ewropew 2013-2017, COM(2015) 309 final, <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2015/EN/1-2015-309-EN-F1-1.PDF>.

- għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-għanijiet fejn tfaċċaw il-problemi;
- għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jinżamm il-livell meħtieġ ta' investiment għall-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea; u
- għandhom jiġu identifikati u implimentati proġetti fil-livell tal-UE li jistgħu jimmassimizzaw il-valur miżjud tal-UE.

Ir-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq ġew analizzati bir-reqqa u meqjusa f'din il-proposta.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija tal-konsultazzjoni dwar il-proposta li jiġi estiż l-ESP tal-2013-2017 tfasslet fi stadju bikri bil-ħsieb li jinġabru l-input u l-opinjoni ta' kemm jista' jkun partijiet ikkonċernati. F'dan il-kuntest, u abbażi ta' konsultazzjonijiet intensivi ma' diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati mill-2014 'il quddiem, l-Eurostat ippropona approċċ komprensiv għall-konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati fil-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt.

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati f'konformità mal-istrateġija u l-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi identifikati mill-Kummissjoni fil-Linji gwida tagħha dwar il-konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati. L-elementi prinċipali tal-istrateġija kienu serje ta' konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u konsultazzjoni pubblika⁶ biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha kellhom l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom.

Billi l-ESP kurrenti tal-2013-2017 kien tfassal fl-2010-2011, kien meqjus importanti li jinkisbu l-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati biex jiġi identifikat it-tibdil li sar minn dak iż-żmien li jenħtieġ li jitqies għall-estensjoni tal-programm. Dan kien jinkludi tibdil politiku, ekonomiku u soċjali, u żviluppi fl-oqsma tat-teknoloġija, l-istatistika u l-metodoloġija. Imbagħad twettqet valutazzjoni, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-utenti, tal-prijoritajiet għall-istatistika Ewropea sal-2020. Finalment, intalab feedback dwar l-impatt tal-azzjonijiet issuġġeriti fuq l-utenti u l-produtturi tal-istatistika u fuq dawk li jwieġbu (b'mod partikolari negozji), u ġew identifikati diffikultajiet li jeħtieġ li jingħelbu sabiex jiġu implimentati. Il-konsultazzjonijiet iffukaw ukoll fuq l-impatt tad-diversi għażliet politiċi għall-estensjoni tal-ESP.

L-istrateġija tal-konsultazzjoni identifikat u mmappjat il-kategoriji u l-gruppi tal-partijiet ikkonċernati sabiex kollha kienu koperti b'mod suffiċjenti. Dawn kienu jinkludu l-utenti istituzzjonali u mhux istituzzjonali tal-istatistika Ewropea, il-produtturi (NSIs u ONAs), dawk li jwieġbu għall-istħarriġ (negozji u familji) u l-pubbliku iġenerali. Konsultazzjoni estensiva ma' diversi kategoriji ta' partijiet ikkonċernati, li bdiet fl-2014 u kompliet tul l-2015, kienet tinvolvi:

- konferenza għall-utenti tal-istatistika Ewropea u l-partijiet ikkonċernati;
- konsultazzjoni mad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni;
- konsultazzjoni mal-produtturi/NSIs; u

⁶ Din saret permezz tal-pjattaforma online "Il-vuċi tiegħek fl-Ewropa" bejn it-23 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru 2015 u ngħatat pubbliċità permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni tal-Eurostat u l-NSIs.

- konsultazzjoni pubblika li ffokat fuq it-tibdil fl-ambjent globali li jista' jaffettwa l-prijoritajiet tal-ESP tal-2018-2020 u l-impatt tad-diversi għażliet.

Barra minn hekk, fi stadju bikri fit-tnejn tal-ESP⁷ u fuq bażi kontinwa, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, li jirrappreżenta lill-utenti u li daww li jwieġbu fil-livell Ewropew u li l-membri tiegħu huma esperti stabbiliti sew fil-qasam tal-istatistika. Il-Kumitat indika l-ħtieġa ċara li jitnaqqas il-piż fuq daww li jwieġbu, li titjeb il-puntwalità u li jiġu inkorporati sorsi tad-data ġodda minn barra l-ESS, u li jiġu pprovduti riżorsi adegwati biex jitkejlu l-politiki emerġenti.

Flimkien mal-konsultazzjonijiet esterni, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni interna tal-ħtiġijiet statistiċi tagħha, li indikat li daww il-ħtiġijiet mhumiex se jonqsu matul il-perjodu ta' estensjoni tal-2018-2020. Ikun meħtieġ li jinżamm il-livell kurrenti ta' informazzjoni statistika rilevanti għall-formulazzjoni tal-politika, l-analiżi u l-monitoraġġ. Jenħtieġ li jimtlew il-lakuni fid-data, jiġu koperti l-ħtiġijiet il-ġodda f'xi oqsma ta' politika speċifiċi, u jiġu provduti data aktar puntwali u analiżijiet ġeografiċi addizzjonali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-ħtiġijiet il-ġodda jirrigwardjaw l-10 prijoritajiet politiċi stabbiliti fil-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni għall-2014-2019. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jiġu sfruttati sorsi ġodda tad-data (eż. "big data") b'mod aktar effettiv, li jista' jwassal għal gwadanji fl-effiċjenza fit-tul. Oqsma speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati huma l-istatistika soċjali (inkluż dwar il-migrazzjoni, is-saħħa u s-sessi) u dik kummerċjali. It-tibdil fid-disinn tas-swieq Ewropej tal-enerġija jeħtieġ is-simplifikazzjoni tal-istatistika dwar l-enerġija sabiex tipprovi data dettaljata puntwali, komparabbli u suffiċjenti fil-kuntest tal-unjoni tal-enerġija u l-politiki dwar il-klima.

L-analiżi tal-feedback mid-diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati żvelat diverġenza bażika:

- l-utenti jitolbu prodotti tal-istatistika tal-ogħla kwalità possibbli, f'termini fost l-oħrajn ta' rilevanza, puntwalità, kopertura u komparabbiltà; filwaqt
- li minħabba r-riżorsi skarsi tagħhom, il-produtturi jiffaċċjaw serje ta' sfidi biex jilhqad-domanda.

Il-gruppi kollha indikaw il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati aktar il-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika.

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ġew studjati bir-reqqa u integrati fl-analiżi tal-għażliet politiċi fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt. L-għażla politika ppreferuta, kif imressqa fil-proposta, ikollha l-akbar impatt f'termini tal-kapaċità li tipproduċi data aktar malajr, li hija essenzjali biex tissodisfa l-ħtiġijiet fundamentali tal-utenti. Il-proposta tinkludi wkoll miżuri ġodda li jtejbura r-rilevanza u l-puntwalità tal-istatistika soċjali u dwar l-enerġija u l-isfruttament ta' sorsi tad-data ġodda, inkluż il-"big data". Hemm enfasi fuq il-proġetti ta' modernizzazzjoni biex titjeb il-flessibbiltà tas-sistemi tal-produzzjoni tal-istatistika u jitnaqqas kemm l-ispejjeż fit-tul għall-produtturi kif ukoll il-piż amministrattiv għal daww li jwieġbu.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

⁷ Kif meħtieġ mid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt⁸ għal din il-proposta. Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ħareġ opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt fit-18 ta' Marzu 2016.

Billi l-istabbiliment ta' ESP pluriennali huwa rekwiżit skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-valutazzjoni tal-impatt ma eżaminatx jekk l-ESP għandux jiġi estiż jew le, imma kif l-aħjar li dan isir. Billi l-proposta testendi l-ESP kurrenti (2013-2017), għall-għażliet politiċi kollha dawn l-għanijiet speċifiċi eżistenti li ġejjin għaddew għall-perjodu 2018-2020:

- Għan 1: Il-provvista ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja biex tappoġġja l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE u taqdi l-ħtiġijiet ta' firxa wiesgħa ta' utenti.
- Għan 2: L-implimentazzjoni ta' metodi ġodda li jipproduċu statistika Ewropea bil-għan li jkun hemm gwadann fl-effiċjenza u titjib tal-kwalità.
- Għan 3: It-tisħiħ tas-sħubija fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

Ġew ikkunsidrati l-għażliet politiċi li ġejjin:

Għażla 1: L-istess ESP (2013-2017) estiż għall-2018-2020 (ix-xenarju bażi)

Din l-għażla ttieħdet bħala x-xenarju bażi li miegħu jiġu kkomparati l-għażliet l-oħra. Dan ma jinvolvi l-ebda tibdil f'termini ta' statistika ppjanata (għan 1), il-qafas għall-adattament tal-infrastruttura tal-istatistika (għan 2) jew sħubiji (għan 3).

Għażla 2: Estensjoni tal-ESP kurrenti b'adattamenti

Din l-għażla tinvolvi programm għall-2018-2020 li jżomm l-istruttura tal-programm kurrenti filwaqt li jqis modi possibbli biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' "big data" għall-produzzjoni tal-istatistika, il-Viżjoni 2020 tal-ESS u l-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti.

Dan iġib tibdil f'termini kemm tal-kontenut tal-programm kif ukoll tal-baġit. Sa ċertu punt, jista' jitqies ukoll li qed jibdel il-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari bil-possibbiltà ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid tar-riżultati kurrenti tal-istatistika.

Għażla 2a: Emenda tal-ESP kurrenti u tnaqqis fil-baġit annwali

Din l-għażla ġiet meqjusa fil-bidu, imma twarrbet fi stadju bikri, għaliex ma tindirizzax b'mod suffiċjenti l-problemi identifikati. Din tkun tinvolvi tnaqqis drastiku fil-livell ta' ambizzjoni għall-għan dettaljat ta' "statistika bi skopijiet multipli u gwadanji fl-effiċjenza", b'mod partikolari għal "sorsi tad-data ġodda" (l-ebda investiment fil-"big data") u tkun detrimental għall-puntwalità u r-rilevanza tad-data.

⁸ Valutazzjoni tal-Impatt tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017, billi jestendih għal 2018-2020.

Mill-konsultazzjonijiet mal-NSIs ħareġ li din l-għażla tissodisfa r-rekwiżiti tal-għan 2 ferm anqas milli mistenni għall-Istati Membri kollha. F’xi pajjiżi, huwa possibbli li ma jsir l-ebda proġett ta’ modernizzazzjoni. Billi l-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Viżjoni 2020 tal-ESS jiddependu fuq il-finanzjament tal-ESS, dawn ikunu pperikolati b’mod serju mingħajr appoġġ baġitarju suffiċjenti. L-ispiża tal-“big data” (infrastruttura tal-IT, IT aktar avvanzata, ħiliet fl-istatistika u ħiliet oħra) u l-iżviluppi fid-data miftuħa ġew enfasizzati.

Għażla 2b: Programm emendat, inkluż riżultati tal-istatistika mtejba biex jallinjaw il-produzzjoni tal-istatistika mal-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, ibbilanċjat minn prijoritizzazzjoni mill-ġdid qawwija (l-istess baġit annwali bħall-ESP kurrenti)

Din l-għażla ġgħib magħha prijoritizzazzjoni mill-ġdid sinifikanti tar-riżultati tal-istatistika kurrenti biex jiġi faċilitat it-titjib (b’mod partikolari, fir-rigward tal-puntwalità) tal-istatistika f’konformità mal-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-utenti, b’mod partikolari dawk relatati mal-istatistika dwar l-inugwaljanza, il-faqar u l-privazzjoni materjali, l-enerġija u l-ambjent. Biex ikun hemm spazju għall-azzjonijiet il-ġodda, xi ġbir tad-data eżistenti jeħtieġ li jitnaqqas b’mod sinifikanti fil-kamp ta’ applikazzjoni u fil-kopertura (tnaqqis fl-informazzjoni, fl-analiżijiet ġeografiċi jew fil-perjodiċità). Tnaqqis possibbli fir-riżultati eżistenti jkun ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż u tal-merti relattivi ta’ din l-istatistika.

Għażla 2c: Programm emendat, inkluż riżultati tal-istatistika ġodda biex jallinjaw il-produzzjoni tal-istatistika mal-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, ikkomplementat minn inizjattivi ewlenin biex jitnaqqas il-piż fuq dawk li jwieġbu u l-ispejjeż għall-NSIs, u żieda fil-baġit annwali

Din l-għażla tinvolvi dawn ir-riżultati tal-istatistika (għan 1) ġodda jew imtejba li ġejjin flimkien mar-riżultati eżistenti tal-programm kurrenti, billi jitqiesu l-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti:

- it-titjib fil-puntwalità tad-data dwar l-inugwaljanza, il-faqar u l-privazzjoni materjali tan-nies fl-Ewropa (inkluż estimi rapidi);
- il-produzzjoni ta’ aktar statistika dwar l-enerġija (effiċjenza, sigurtà, sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, konsum, prezzijiet, eċċ.) u ta’ statistika dwar l-enerġija aktar puntwali;
- it-titjib fil-kwalità u fil-puntwalità tad-data ambjentali biex tappoġġja l-politika dwar it-tibdil fil-klima u l-ekonomija ċirkolari;
- il-kejl tal-progress dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU;
- l-appoġġ għall-motivaturi għal tibdil teknoloġiku u l-kummerċ elettroniku;
- it-titjib fil-projezzjonijiet annwali tal-popolazzjoni;
- l-estensjoni tal-istatistika dwar il-prezzijiet tad-djar;
- l-estensjoni tal-kopertura tal-istatistika dwar is-settur tas-servizzi; u
- l-kejl tal-globalizzazzjoni.

Tinvolvi wkoll investimenti ġodda fl-infrastruttura tal-istatistika skont l-għan 2, li jkunu ffukati fuq:

- ħidma esploratorja għal stħarriġ soċjali tal-UE fil-futur biex tiżdied b'mod sostanzjali l-flessibilità tal-indikaturi soċjali biex jipprovdu rispons aktar puntwali għall-ħtiġijiet il-ġodda tal-utenti;
- l-istatistika dwar id-domanda u d-disseminazzjoni bħala servizz: l-iżvilupp tal-kapaċitajiet biex jitwasslu aktar servizzi u prodotti analitiċi tad-data u servizzi u prodotti tad-data aħjar biex isaħħu, jiddisinjaw u jimmonitorjaw il-politiki tal-UE, b'mod speċjali fl-oqsma tal-kompetittività, l-ekonomija ċirkolari, il-politika dwar l-agrikoltura u l-ikel, u l-iżvilupp reġjonali;
- il-modernizzazzjoni, inkluż l-użu ta' sorsi ġodda: l-isfruttament tal-potenzjal tal-iżviluppi diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni ta' sorsi tad-data ġodda ("big data", "l-internet tal-oġġetti"); u
- l-infrastruttura bażika u proġetti pilota għall-modernizzazzjoni: it-tisħiħ tal-infrastruttura tal-istatistika Ewropea permezz ta' proġetti li jibnu fuq l-esperjenza tas-sistema Ewropea ta' reġistri kummerċjali interoperabbli tal-istatistika (reġistru tal-EuroGroups) u taċ-ċentru taċ-ċensiment. L-iżvilupp, u l-kondiviżjoni fost l-awtoritajiet tal-istatistika, ta' għodod metodoloġiċi u tal-IT ġodda u l-iżgurar ta' użu usa' ta' data amministrattiva u tekniki li jorbtu d-data.

Għażla 3: Żewġ programmi separati

Din l-għażla tixbah lill-Għażla 2b f'termini ta' għanijiet u ħidma ppjanata, imma tiffoka fuq mod differenti kif jiġi mmaniġġjat ix-xogħol: permezz ta' żewġ programmi differenti, fejn wieheh minnhom jindirizza l-modernizzazzjoni biss:

- l-estensjoni tal-ESP kurrenti għall-2018-2020 u l-allinjament mal-iskeda ta' żmien tal-QFP, mingħajr l-aspetti tal-modernizzazzjoni (għan 2 tal-programm kurrenti);
- programm separat li jiffoka fuq il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-istatistika Ewropea, li l-kontenut tiegħu jkun jirrifletti l-għan 2 taħt l-għażla 2b. Mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita skeda taż-żmien differenti għal dan it-tieni programm (eż. lil hinn mill-2020), għaliex l-iskeda taż-żmien hija ddeterminata mill-QFP kurrenti (li jintemm fl-2020).

L-għażla politika preferuta

Il-valutazzjoni tal-impatt ħarset lejn l-impatt tal-għażliet fuq il-gruppi prinċipali tal-partijiet ikkonċernati abbażi ta' diversi kriterji. L-impatt fuq l-utenti ġie vvalutat abbażi tal-puntwalità, ir-rilevanza u l-armonizzazzjoni, filwaqt li l-impatt fuq il-produtturi tal-istatistika ġie analizzat abbażi tat-tnaqqis fl-ispejjeż u tal-livell tal-infrastruttura komuni. It-tnaqqis fil-piż kien il-kriterju prinċipali għall-valutazzjoni tal-impatt fuq dawk li jwieġbu. Barra minn hekk, l-impatt fuq il-baġit tal-UE ġie analizzat għal kull waħda mill-għażliet.

Mill-analiżi tal-kriterji multipli rriżulta li l-għażla 2c kienet l-għażla politika preferuta. Din l-għażla jkollha l-aktar impatt pożittiv fuq il-puntwalità, b'azzjonijiet ġodda li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-puntwalità għall-istatistika dwar l-inugwaljanza, il-faqar u l-privazzjoni materjali, u għad-data dwar l-enerġija u l-ambjent. Ir-rilevanza tal-istatistika għal dawk li jfasslu l-politika hija mistennija titjeb b'mod sinifikanti skont din l-għażla, b'investiment f'oqsma

ġodda, prijoritizzazzjoni mill-ġdid, azzjoni biex jittejjbu l-kapaċitajiet biex jitwasslu aktar servizzi u prodotti u servizzi u prodotti aħjar (eż. statistika fuq talba), u disseminazzjoni aħjar.

Fir-rigward tal-produtturi, l-għażla 2c se tgħin biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-ġodda skont l-għanijiet 1 u 2 billi żżid il-baġit tal-ESP, kif mitlub mill-partijiet ikkonċernati prinċipali. Proporzjon sostanzjali mill-baġit addizzjonali se jitqassam mill-Istati Membri permezz ta' għotjiet, li jippermettathom jimmodernizzaw aktar is-sistemi tal-produzzjoni tagħhom u jisfruttaw sorsi tad-data ġodda.

L-għażla 2c hija mistennija tkompli tnaqqas il-piż globali tar-rispons għan-negozji u ċ-ċittadini, għalkemm il-parti l-kbira tal-effetti jimmaterjalizzaw biss fuq terminu medju, billi l-użu ta' sorsi tad-data ġodda se jiġi implimentat b'mod gradwali u soġġett għal kundizzjonijiet lokali fl-Istati Membri.

It-twertiq tal-għażla politika preferuta jinvolvi żieda fil-baġit operazzjonali mogħti lill-ESP fl-2018-2020. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li investment addizzjonali biss jiżgura l-iżvilupp ta' riżultati ġodda tal-istatistika u data aktar puntwali, kif mitlub mill-utenti, mingħajr ma tinqata' statistika oħra ferm rilevanti. Barra minn hekk, investimenti addizzjonali fl-infrastruttura tal-istatistika (kemm fl-Istati Membri kif ukoll fl-Eurostat) se jkunu meħtieġa biex jiġi faċilitat l-użu ta' sorsi tad-data ġodda għall-produzzjoni ta' informazzjoni statistika mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-utenti, li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u l-piż tar-rispons.

Impatti oħra

L-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proposta se jkunu indiretti. Fir-rigward tal-ekonomija, l-inizjattiva se twassal għal bażi ta' evidenza ta' statistika aktar effiċjenti (eż. dwar il-globalizzazzjoni, is-settur tas-servizzi, l-innovazzjoni) għal politiki li jikkontribwixxu biex jistimulaw u jikkonsolidaw it-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-proposta se ttejjeb il-kapaċità għall-valutazzjoni tal-impatt soċjali tad-deċiżjonijiet dwar il-politika ekonomika. L-impatti fuq il-livelli tal-impjiegi u tal-qgħad, ix-xejriet tal-faqar u s-suq tax-xogħol iġenerali se jkunu ta' interess partikolari. It-titjib fil-puntwalità tal-indikaturi soċjali, ikkombinati mal-indikaturi makroekonomiċi eżistenti, se jippermetti analiżi aktar integrata u effiċjenti tad-deċiżjonijiet. Fir-rigward tal-ambjent, il-proposta se tiffaċilita l-politiki li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli billi tipprovdi statistika mtejjba dwar l-enerġija u l-ambjent.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Billi l-ESP huwa inizjattiva orizzontali, mhuwiex parti mill-programm REFIT tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nediet tliet inizjattivi REFIT fl-isferi speċifiċi tal-istatistika dwar l-agrikoltura, soċjali u kummerċjali. Dawn huma ddisinjati biex jikkomplementaw l-isforzi tal-modernizzazzjoni previsti skont l-inizjattiva preżenti, billi jissimplifikaw ir-regolamenti frammentati dwar l-istatistika agrikola, l-istħarriġ soċjali dwar persuni u familji, u l-istatistika kummerċjali, u biex il-ġbir tad-data jsir aktar effiċjenti, aktar flessibbli u anqas peżanti għal dawk li jwieġbu. Madankollu, l-inizjattivi jistgħu jiġu implimentati biss fuq terminu medju jew fit-tul u jmorru lil hinn mill-perjodu ta' żmien tal-programm estiż.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ammont totali li għandu jitħallas mill-baġit tal-UE għall-estensjoni tal-programm (2018-2020) huwa EUR 218.1 miljun (prezzijiet kurrenti).

L-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti tal-monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tar-rapportar**

Skont l-Artikolu 15(3) rivedut, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport tal-evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2021, wara li tikkonsulta lill-Kumitat tal-ESS u l-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika. Dan għandu jitwettaq skont il-linji gwida tal-Kummissjoni.

Abbażi tal-esperjenza tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ESP tal-2013-2017, l-Eurostat beda jorbot l-attivitajiet tal-programm ta' ħidma annwali mal-114-il indikatur fl-ESP. Dan se jkollu l-vantaġġ doppju li jiffaċilita evalwazzjonijiet futuri u jippermetti l-monitoraġġ awtomatiku kull sena dwar jekk l-indikaturi kollha tal-ESP humiex qed jintlaħqu.

- **Id-dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet proposti**

Il-proposta temenda l-ESP tal-2013-2017 billi tinkludi riżultati tal-istatistika ġodda biex tallinja l-produzzjoni tal-istatistika mal-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, ikkomplementati minn inizjattivi li jimmodernizzaw il-metodi tal-produzzjoni tal-istatistika u jnaqqsu l-piż minn fuq dawk li jwieġbu u l-ispejjeż lill-NSIs.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih għal 2018-2020

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-evidenza affidabbli u rilevanti bbażata fuq l-istatistika Ewropea hija assolutament essenzjali għall-kejl tal-progress u għall-evalwazzjoni tal-effiċjenza tal-politiki u tal-programmi tal-Unjoni, b'mod speċjali fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda għall-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u l-bidla demokratika.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, il-programm Ewropew tal-istatistika għandu jipprevedi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet ta' azzjonijiet previsti għal perjodu li jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali.

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ ikopri l-perjodu mill-2013 sal-2017 biss, filwaqt li l-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti jestendi sal-2020. Għalhekk għandu jiġi emendat biex jestendi l-programm statistiku Ewropew sal-2020.
- (4) Fil-kuntest ta' Regolamentazzjoni Aħjar, il-politiki tal-Unjoni għandhom ikunu ddisinjati u mmonitorjati dejjem iżjed abbażi ta' evidenza solida. L-istatistika Ewropea għandha rwol distint f'dak ir-rigward u tista' tagħmel differenza reali, b'mod speċjali f'oqsma ta' politika fejn ir-rispons huwa fattur ewlieni biex il-politiki jkunu ta' suċċess.
- (5) Statistika aħjar hija għalhekk kruċjali biex jinkisbu riżultati aħjar u biex tikkontribwixxi għal Ewropa aħjar, u għandhom isiru sforzi akbar biex tingħata spinta lill-investimenti fl-istatistika uffiċjali kemm fil-livelli Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali. Dan għandu jipprovdi gwida fl-oqsma tal-politika ta' prijorità u għall-bini tal-kapaċità, flimkien mal-gwida kurrenti u l-prijoritizzazzjoni kontinwa mill-ġdid. B'mod aktar speċifiku, għandha tittieħed azzjoni biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti fl-istatistika, tiżdied il-puntwalità u jiġu appoġġjati l-prijoritajiet politiċi u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika permezz tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tipprovdi wkoll projezzjonijiet ġodda tal-popolazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituti tal-istatistika nazzjonali biex tiġi aġġornata l-analiżi tal-implikazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.
- (6) Il-kontijiet sperimentali tal-ekosistema u l-istatistika dwar it-tibdil fil-klima, inkluż dawk rilevanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-“impronti”, għandhom jiġu żviluppati aktar, b'mod partikolari b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-Unjoni Ewropea tal-Enerġija u l-qafas tal-2030 għall-klima u l-enerġija, li għandhom l-għan li jagħmlu s-sistema tal-ekonomija u tal-enerġija tal-Unjoni aktar kompetittiva, sigura u sostenibbli, se jkunu jeħtieġu statistika ġdida dwar il-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġiji rinnovabbli, id-dipendenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista.
- (7) L-estensjoni tal-programm hija opportunità biex isiru adattamenti u jiġu riflessi l-orjentazzjonijiet ġodda, li jikkomplementaw l-għanijiet eżistenti u l-prijoritizzazzjoni kontinwa.
- (8) Żieda xierqa fil-baġit għall-istatistika fil-livell tal-UE għandha tappoġġja dan it-tibdil għall-programm u ġgħib valur miżjud sinifikanti u riżultati permezz ta' proġetti fuq skala kbira, effetti ta' ingranaġġ strutturali u ekonomiji ta' skala li jkunu ta' benefiċċju għas-sistemi statistiċi fl-Istati Membri kollha.
- (9) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-estensjoni tal-programm statistiku Ewropew biex ikopri s-snin 2018 sa 2020. Dan għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlieni, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁵, matul il-proċedura baġitarja annwali.

- (10) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi estiż il-programm statistiku Ewropew biex ikopri s-snin 2018 sa 2020, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.
- (11) Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-abbozz tal-proposta għal estensjoni tal-programm statistiku Ewropew għall-perjodu 2018 sa 2020 ġie ppreżentat għal eżaminazzjoni minn qabel lill-Kumitat Ewropew tas-Sistema Statistika, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u l-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE⁷,
- (12) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Il-programm għandu jiġi estiż biex ikopri l-perjodu 2018 sal-2020.”
- (2) Fl-Artikolu 7(1), jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm għall-2018 sal-2020 għandu jammonta għal EUR 218,1 miljuni, kopert bil-perjodu ta' programmazzjoni 2014 sal-2020.”
- (3) L-Artikolu 13 jinbidel kif ġej:

“Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

 1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati attivitajiet ifffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-

⁵ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.13, p. 1).

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE tat-13 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21).

frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli konsistenti u effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti li ma kellhomx jiġihallu u, fejn ikun xieraq, permezz ta' penaltajiet amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u kontrolli fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotjiet, il-kuntratturi, is-subkuntratturi u partijiet terzi li rċevew, b'mod dirett jew indirett, fondi tal-Unjoni skont il-Programm.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post għand l-operaturi ekonomiċi li jkunu kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁹ bl-għan li jiġi stabbilit jekk tkunx twettqet frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

4. Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom b'mod espliċitu jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu t-tali awditi, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

5. Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kollha kemm hi jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist jew appoġġ finanzjarju li jingħata lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim jew id-deċiżjoni ta' għotja għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-OLAF.

6. Il-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3."

(4) L-Artikolu 15(3) jinbidel b'dan li ġej:

"Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-ESSC u mal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill."

(5) L-Anness huwa emendat kif previst fl-Anness għal dan ir-Regolament.

⁸ ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.

⁹ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/L-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/l-inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/l-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/l-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Il-mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/L-INIZJATTIVA

- 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017, billi jestendih għal 2018-2020.

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB¹

29 Statistika (29 01 – Appoġġ amministrattiv għall-qasam politiku tal-“Istatistika”; 29 02 – Programm statistiku Ewropew)

1.3. In-natura tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²**

Il-proposta/l-inizjattiva hi marbuta **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hi marbuta **ma' azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-għan(ijiet)

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Il-proposta hija konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea, billi l-istatistika żviluppata, prodotta u disseminata skont il-programm statistiku Ewropew (ESP) se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, bħall-istrateġija Ewropa 2020 għal “tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” u politiki oħra indirizzati fl-10 oqsma ta' prijetà tal-Kummissjoni għall-2014-2019 (Aġenda għall-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u l-bidla demokratika).

1.4.2. *L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB konċernati*

Għanijiet speċifiċi 1 u 4:

Il-provvista ta' informazzjoni statistika, b'mod li jkun f'waqtu, għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet filwaqt li jinżamm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jiġu moqdija l-ħtiġijiet tal-firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, b'mod kosteffiċjenti, mingħajr duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi.

¹ ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġitjar ibbażat fuq l-attività.

² Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-iżgurar tat-twettiq konsistenti tal-istatistika tul il-perjodu kollu tal-programm, sakemm dan ma jinterferixx mal-mekkaniżmi ta' twaqqif ta' prijoritajiet tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS).

Attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i

3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika

Għan speċifiku 2:

L-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bil-għan li jkun hemm gwadann fl-effiċjenza u tiġib tal-kwalità.

Attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i

3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika;

3480 — Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat;

3481 — Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat

Għan speċifiku 3:

It-tisħiħ tas-sħubija fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

Attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i

3481 — Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat

Għanijiet iżjed dettaljati huma pprovduti fil-programmi ta' ħidma statistika annwali tal-Kummissjoni.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv għall-ESP tul il-perjodu kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u tipprovdi lill-ESS bl-appoġġ finanzjarju li teħtieġ sabiex tkun kapaċi:

- tipprovdi lill-utenti b’informazzjoni statistika ta’ kwalità għolja u tagħlaq il-lakuni fl-istatistika li jeħtieġ li jiġu indirizzati bl-aktar mod urġenti, billi tiffoka fuq numru ta’ oqsma prijoritarji li jirriflettu l-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni;
- tippermetti lill-produtturi tal-istatistika uffiċjali jibnu l-kapaċità permanenti meħtieġa biex twieġeb aktar malajr għall-ħtiġijiet emerġenti u tadatta l-infrastruttura tal-istatistika sabiex tisfrutta l-potenzjal ta’ sorsi ta’ data ġodda;
- tkompli tnaqqas il-piż minn fuq dawk li jwieġbu (negozji u individwi) billi ttejjeb l-effiċjenza u l-produttività tal-ESS; u
- issaħħaħ is-sħubija fl-ESS u lil hinn minnha biex tiżgura r-rwol ta’ tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Dawn l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li ġejjin huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni tal-programm u fil-pjanijiet tal-ġestjoni, u huma rrapportati f’rapporti annwali tal-attività għall-ESP kurrenti (2013-2017); ħafna minnhom se jintużaw ukoll għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-estensjoni tal-programm għall-2018-2020:

Indikaturi tal-perċezzjoni tal-utenti (sors: sħarriġ annwali tas-sodisfazzjon tal-utenti mwettaq mill-Eurostat):

1. Perċentwal tal-utenti li jikklassifikaw li-kwalità globali tad-data u s-servizzi pprovduti mill-Eurostat bħala “tajba ħafna” jew “tajba”;
2. Perċentwal tal-utenti li jikklassifikaw il-kwalità globali tal-istatistika Ewropea bħala “tajba ħafna” jew “tajba”.
3. Perċentwal tal-utenti li jikklassifikaw il-puntwalità tal-istatistika Ewropea għall-finijiet tagħhom bħala “tajba ħafna” jew “tajba”.
4. Perċentwal tal-utenti li jikklassifikaw il-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi bħala “tajba ħafna” jew “tajba”.

Indikaturi fattwali:

5. Numru ta’ estrazzjonijiet tad-data (f’miljuni) magħmula minn utenti esterni minn bażi ta’ data pubbliċi tal-Eurostat permezz tas-sit web tal-Eurostat (sors: rapporti ta’ monitoraġġ dwar id-disseminazzjoni elettronika mill-Eurostat);

6. Puntwalità ta' kampjun ta' statistika: numru medju ta' ġranet bil-quddiem (pożittiv) jew tard (negattiv), meta mqabbel mal-mira legali. Il-kampjun jittieħed mill-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali (IEEP) (sors: rapport annwali dwar l-istatus tal-Eurostat dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni fl-UEM, kif ippreżentat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju) flimkien mal-kummerċ barrani tal-UE (sors: l-Eurostat).
7. Tul tas-serje taż-żmien ta' kampjun ta' statistika (Euro-Indikaturi — serje attiva – sors: bażi ta' data tal-Eurostat).

Indikaturi bbażati fuq awtovalutazzjoni (wieħed għal kull għan):

8. Grad ta' kisba ta' kull għan speċifiku, imkejje bħala perċentwal tal-kisba tal-attivitatiet/riżultati relatati (sors: monitoraġġ darbtejn fis-sena).

Għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-estensjoni tal-programm għall-2018-2020, għandu jsir it-titjib li ġej:

Wieħed mill-indikaturi tal-“perċezzjoni tal-utenti” (nru 1 sa 4) – li huma bbażati fuq sors uniku u mhumiex relatati b'mod univokali mal-programm jew il-baġit tal-Eurostat – se jitħassar (in-nru 2).

L-indikatur kurrenti nru 7 dwar it-tul tas-serje ta' żmien ta' kampjun tal-istatistika se jiġi sostitwit b'indikatur aktar robust li jkopri l-isferi kollha tal-istatistika u jqis id-dispożizzjoni ta' serje “sostitut” għas-serje ta' żmien interrott (pereżempju minħabba tibdil fil-metodoloġija). Din il-verżjoni l-ġdida tal-indikatur se tkun marbuta b'mod qawwi mal-għanijiet tal-programm u se tkun influwenzata direttament jew fil-parti l-kbira tagħha mill-baġit tal-UE.

Indikatur addizzjonali se jkejjel in-numru ta' “statistika” differenti (jiġifieri indikaturi, subindikaturi, analiżijiet, unitajiet, eċċ.) disponibbli għall-utenti (komplessivament u għall-isferi prinċipali tal-istatistika affettwati l-aktar mill-estensjoni tal-ESP, eż. statistika soċjali u ambjentali). Dan l-indikatur jista' jiġi kkomplementat min-numru ta' punti/valuri/ċifri tad-data. Id-differenza prinċipali bejn iż-żewġ indikaturi hija li t-tieni wieħed jizjed ukoll kull darba li jsiru disponibbli ċifri aktar riċenti filwaqt li l-ewwel wieħed jizjed biss meta jiġu prodotti tipi ġodda ta' statistika. Dawn l-indikaturi l-ġodda se jkunu marbuta b'mod qawwi mal-għanijiet tal-programm u influwenzati direttament jew fil-parti l-kbira tagħhom mill-baġit tal-UE.

Il-possibbiltà li jiġi ddefinit indikatur imtejjeb tal-puntwalità u tiġi żviluppata rutina tal-IT għall-kalkolu tiegħu abbażi tad-data disponibbli fil-bażijiet ta' data pubbliċi tal-Eurostat se tiġi analizzata wkoll. Jekk dan l-indikatur tal-puntwalità jista' jiġi implimentat, għandu jissostitwixxi l-indikatur kurrenti nru 3.

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/l-inizjattiva

- 1.5.1. *Ir-rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-ESP għandu jipprevedi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, l-

oqsma ewlenin u l-għanijiet ta' azzjonijiet previsti għal perjodu li jikkorrispondi għal dak tal-QFP. L-ESPs jistabbilixxu prijoritajiet dwar il-ħtiġijiet għall-informazzjoni għat-tweġiq tal-attivitajiet tal-UE u jistabbilixxu l-baġit għall-implimentazzjoni tagħhom. Billi l-ESP kurrenti jintemm fl-2017, għandu jiġi estiż biex ikopri l-perjodu 2018-2020.

Hemm livell għoli ta' domanda għall-istatistika uffiċjali, meta mqabbla ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, għaliex hija prodotta u dissemminata skont prinċipji speċifiċi u kriterji tal-kwalità, u għalhekk għandha valur miżjud għall-utenti. Numru ta' lakuni fl-istatistika jeħtieġ li jiġu indirizzati jekk l-istatistika għandha tkun kapaċi tipprovdi appoġġ aħjar għall-politiki tal-UE. Jeħtieġ li tittejjeb b'mod urġenti l-puntwalità ta' xi statistika, sabiex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew. Il-ħtieġa għall-istatistika li tirriżulta mill-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u mill-kumplessità dejjem tiżdied tas-soċjetajiet qed tqajjem dubju dwar ir-rilevanza tal-istatistika Ewropea kurrenti.

Minkejja li s-sistemi nazzjonali tal-istatistika għamlu sforz sinifikanti biex jimmodernizzaw il-metodi tal-produzzjoni tagħhom bl-appoġġ tal-ESP tal-2013-2017, l-infrastruttura tal-produzzjoni tal-istatistika kurrenti għadha mhix flessibbli biżżejjed biex twassal statistika ġdida meta tkun meħtieġa, filwaqt li tillimita wkoll l-ispiża assoċjata u l-piż amministrattiv. Sakemm ma jiżdiedx il-livell kurrenti ta' investment, l-ESS mhux se tkun f'pożizzjoni li tissodisfa d-domanda dejjem tikber għall-istatistika jew il-ħtieġa li l-istatistika tkun disponibbli aktar malajr.

Il-partijiet li se jkunu affettwati bl-aktar mod dirett mill-proposta huma l-utenti tal-istatistika (eż. dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, il-midja, ir-riċerkaturi u l-pubbliku ġenerali fil-livell tal-UE u nazzjonali), il-produtturi tal-istatistika (l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra) u dawk li jwieġbu (il-familji u n-negozji).

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-Istati Membri jiġbru l-informazzjoni statistika fil-livell nazzjonali imma, sabiex id-data fil-livell tal-UE tkun komparabbli, jenħtieġ li jagħmlu dan skont l-istess prinċipji armonizzati. Huwa biss permezz ta' approċċ koordinat lejn l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, kif previst fl-ESP, li jistgħu jiġu ggarantiti l-konsistenza u l-komparabbiltà tal-istatistika rilevanti għall-oqsma tal-attività tal-UE. L-azzjoni fil-livell tal-UE, kif proposta, tikkontribwixxi wkoll għal użu effettiv tar-riżorsi (minħabba l-ekonomiji ta' skala) u tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali fl-iżvilupp tal-kapaċità tagħhom f'termini ta' armonizzazzjoni u metodoloġiji.

1.5.3. *It-tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

L-evalwazzjoni tal-programm statistiku Komunitarju tal-2008-2012, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ESP tal-2013-2017 u l-evalwazzjonijiet finali tal-programm għall-modernizzazzjoni tal-istatistika Ewropea tal-intrapriża u l-kummerċ (MEETS) ġew analizzati bir-reqqa.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ESP tal-2013-2017 ikkonkludiet li l-programm huwa ġeneralment implimentat sew, bi 17 mit-23 għan iddettaljat fit-triq it-tajba biex

jigū finalizzati. L-ESP joffri valur miżjud tajjeb għall-UE, jitmexxa b' mod effiċjenti, iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-utenti u huwa konsistenti ma' programmi statistiċi oħra. Pereżempju, il-bidla lejn metodi ġodda għall-produzzjoni ta' statistika tappoġġja l-approċċi użati fl-ESS kollha. L-evalwazzjoni tressaq tliet rakkomandazzjonijiet biex jiggwidaw u jkomplu jottimizzaw l-implimentazzjoni tal-programm:

- għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-għanijiet fejn tfaċċaw il-problemi;
- għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jinżamm il-livell meħtieġ ta' investiment għall-modernizzazzjoni tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea; u
- għandhom jigū identifikati u implimentati proġetti fil-livell tal-UE li jistgħu jimmassimizzaw il-valur miżjud tal-UE.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE³ tiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Eurostat fi ħdan l-organizzazzjoni interna tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika. Fir-rigward tal-ippjanar u l-programmazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam tal-istatistika, l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni jipprevedi li l-attivitajiet relatati mal-istatistika Ewropea għandhom jigū ddeterminati mill-ESP u mill-programm ta' ħidma annwali, kif imsemmi fl-Artikoli 13 u 17, rispettivament, tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat (ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49).

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020
- Impatt finanzjarju mill-2018 sal-2020 fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenji u mill-2018 sal-2024 fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Proposta/inizjattiva **b'durata illimitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,
- segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Il-mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni konġunta mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

- pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;
- organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- korpi tal-liġi pubblika;
- korpi regolati b'liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it- Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk ikun indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġti d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

Kummenti

--

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament propost jistipula li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport tal-evalwazzjoni finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2021, wara li tikkonsulta lill-Kumitat tal-ESS u l-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika. L-evalwazzjoni għandha titwettaq skont il-linji gwida tal-Kummissjoni.

Abbażi tal-esperjenza tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ESP tal-2013-2017, il-Kummissjoni (l-Eurostat) bdiet tassoċja l-attivitajiet tal-programm ta' ħidma annwali mal-114-il indikatur stabbiliti fl-ESP. Dan se jkollu l-vantaġġ doppju li jiffaċilita evalwazzjonijiet futuri u jippermetti l-monitoraġġ awtomatiku kull sena dwar jekk l-indikaturi kollha tal-ESP humiex qed jintlaħqu. It-tagħlimiet miksuba mill-esperjenza passata li tqiesu fl-abbozzar tal-proposta huma ppreżentati fit-taqsim 1.5.3 hawn fuq. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-valutazzjoni tal-impatt huma ppreżentati fit-taqsim 3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ir-riskju(i) identifikat(i)

Il-mod ta' ġestjoni tal-programm propost huwa ġestjoni diretta ċentrali mill-Kummissjoni. Mil-lat finanzjarju, il-programm se jiġi implimentat bl-għoti ta' kuntratti prinċipalment fl-isferi tal-istatistika u s-servizzi tal-IT, u permezz ta' għotjiet (prinċipalment lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jippermetti li jsiru għotjiet diretti lil dawk l-awtoritajiet. Fir-rigward tal-għotjiet, wieħed mir-riskji prinċipali identifikati kien jirrelata mal-kalkolu tal-ispejjeż tal-persunal; il-livell tar-riskju rigward ir-rimborż tal-ispejjeż tal-persunal tnaqqas bl-introduzzjoni tal-iskema tal-ispejjeż għal kull unità (Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 6332).

Ir-reviżjonijiet tal-kwalità *ex post* ma żvelaw l-ebda kwistjonijiet rilevanti rigward l-akkwist. L-osservazzjonijiet maħruġa mill-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2011/2012 ġew indirizzati. Ma twettqu l-ebda awditi fuq l-akkwist minn dak iż-żmien. Il-maniġment tal-Eurostat ma identifika l-ebda riskji sinifikanti f'dan il-qasam.

2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

L-istrateġija ta' kontroll tal-Eurostat għall-2012-2017 se tiġi riveduta u estiża sabiex tkopri l-estensjoni tal-ESP sal-2018-2020. L-istrateġija se tkun ibbażata fuq analiżi u valutazzjoni tar-riskju li għandhom jitwettqu qabel ma jiġi estiż il-programm.

L-elementi prinċipali tas-sistema ta' kontroll intern huma, u se jkomplu jkunu, il-verifika *ex ante* tal-aspetti operazzjonali u finanzjarji ta' kull tranżazzjoni finanzjarja

(legalità, regolarità u għestjoni finanzjarja soda), skont l-Artikolu 66(5) tar-Regolament Finanzjarju. Il-kontrolli *ex-ante* jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tan-nefqa, mill-ippjanar u l-programmazzjoni tal-għotjiet u l-akkwisti sal-ħlasijiet. Għal dan il-għan, se jitwettqu kontrolli għal kull tranżazzjoni bl-użu ta' listi ta' kontrolli speċifiċi li għandhom jintużaw minn kull attur fiċ-ċirkwiti finanzjarji. Fejn xieraq, analiżijiet u valutazzjonijiet addizzjonali tar-riskju jistgħu jkunu previsti abbażi tar-riżultati tal-kontrolli annwali. Fejn xieraq, jistgħu jitwettqu wkoll verifiki *ex ante* rinfurzati u kontrolli *ex post*.

Sorveljanza xierqa, rapportar ibbażat fuq il-finanzjament u l-prestazzjoni, l-awditjar u l-evalwazzjoni se jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-programm skont il-prinċipji ta' għestjoni finanzjarja soda u f'konformità mar-reqwiziti ta' legalità u regolarità.

2.2.3. *Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żbalji*

L-istrateġija tal-kontroll tal-programm hija meqjusa li żżomm ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità taħt il-kriterju tal-materjalità ta' 2 %, li huwa konformi mal-għanijiet tal-kontroll intern u tal-għestjoni tar-riskju fil-pjan strateġiku tal-Eurostat għall-2016-2020. Is-sistema ta' kontroll intern (u l-ispejjeż tagħha) hija meqjusa adegwata biex jinkiseb dan il-għan. Se tkun żgurata l-komplementarjetà bejn dawn is-sorsi tal-assigurazzjoni, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jkunu permessi kontrolli kosteffiċjenti. L-Eurostat iqis li l-ispejjeż tal-kontrolli kollha se jirrappreżentaw madwar 4.5 % tal-baġit tal-programm. Il-benefiċċji tal-kontroll (minbarra l-konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji) jinkludu valur aħjar għall-flus, effetti ta' deterrent, gwadanji fl-effiċjenza u titjib fis-sistema.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Fit-30 ta' Ottubru 2013, l-Eurostat adotta l-Istrateġija tiegħu Kontra l-Frodi għall-2014-2017 skont l-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (CAFS) tal-24 ta' Ġunju 2011. L-Istrateġija tal-Eurostat tistabbilixxi tliet għanijiet operattivi:

- i. l-infurzar tal-komponenti kontra l-frodi eżistenti;
- ii. integrazzjoni aħjar tal-komponenti kontra l-frodi aħjar fil-valutazzjoni/għestjoni tar-riskju tal-Eurostat u fl-awdit, fl-ippjanar, fir-rapportar u fil-monitoraġġ; u
- iii. it-tiħiħ tal-kapaċitajiet kontra l-frodi u s-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-frodi tal-Eurostat bħala parti mill-kultura ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni.

L-Istrateġija hi akkompanjata minn pjan ta' azzjoni kontra l-frodi. Matul il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tiġi sorveljata darbtejn fis-sena, b'rapportar lill-maniġment.

L-Eurostat se jevalwa l-impatt tal-Istrateġija fl-2017 u jaġġornaha skont il-ħtieġa. Fl-2016, bħala kisba importanti fl-evalwazzjoni tal-Istrateġija, l-Eurostat se jirrevedi l-pjan ta' azzjoni tiegħu kontra l-frodi.

Ir-reviżjonijiet tal-Istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni se jitwettqu abbażi tal-metodoloġija u l-gwida aġġornati tal-OLAF maħruġa fi Frar 2016.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-QFP u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-QFP u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-QFP	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1a Kompetittività għat- tkabbir u l-impjiegi	Diff./Mhux diff ¹ .	mill- pajjiżi tal- EFTA ²	minn pajjiżi kandidati ³	minn pajjiżi mhux tal- UE	fis-sens tal- Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	29.02.01 Estensjoni tal-ESP għall-2018-2020 – forniment ta' informazzjoni statistika ta' kwalità, implimentazzjoni ta' metodi ġodda għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea u tsihij tas-sħubija fl-ESS	Diff.	IVA	LE	LE	LE
	29.01.04.01 Nefqa ta' appoġġ għall-ESP	Mhux diff.	IVA	LE	LE	LE

¹ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-QFP	Numru	Intestatura 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi
----------------------------	-------	---

DĠ ESTAT			Sena 2018 ¹	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021 u lil hinn	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
29.0201	Impenji	(1)	59.475	73.245	75.486					208.206
	Pagamenti	(2)	5.829	28.141	51.027	123.209				208.206
	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
• Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ²										
29.010401		(3)	3.230	3.313	3.397					9.940
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ ESTAT	Impenji	=1+1a +3	62.705	76.558	78.883					218.146
	Pagamenti	=2+2a +3	9.059	31.454	54.424	123.209				218.146

¹ Is-sena N hija s-sena li fiha tidda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

² Ghajnuha teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'apport għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawki li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	59.475	73.245	75.486					208.206
	Pagamenti	(5)	5.829	28.141	51.027	123.209				208.206
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	3.230	3.313	3.397					9.940
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURA 1 tal-QFP	Impenji	=4+ 6	62.705	76.558	78.883					218.146
	Pagamenti	=5+ 6	9.059	31.454	54.424	123.209				218.146

F'każ li iżjed minn intestatura waħda tkun affettwata mill-proposta/mill-inizjattiva: MHUX APPLIKABBLI

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURI 1 sa 4 tal-QFP(ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-QFP	5	“Nefqa amministrattiva”						
----------------------------	----------	--------------------------------	--	--	--	--	--	--

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020					Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DĠ ESTAT										
• Riżorsi umani		88.904	87.148	85.392						261.444
• Nefqa amministrattiva oħra		3.290	3.290	3.290						9.870
TOTAL DĠ ESTAT	Approprijazzjonijiet	92.194	90.438	88.682						271.314

TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 TAL-QFP	(Impenji totali = pagamenti totali)	92.194	90.438	88.682						271.314
---	-------------------------------------	--------	--------	--------	--	--	--	--	--	----------------

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2018 ³	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021 u lil hinn				Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-QFP	Impenji	154.899	166.996	167.565						489.460
	Pagamenti	101.253	121.892	143.106	123.209					489.460

³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu tal-approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtiegħ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)										TOTAL			
	RIŻULTATI																		
	Tip ¹	Spiża medja	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	€	Spiża	Nru totali
GĦANIJET SPEĊIFIĊI Nru 1 u 4 ²																			
<p>Il-provvista ta' informazzjoni statistika, b'mod li jkun f'waqtu, għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet filwaqt li jinżamm bilanċ bejn l-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali u jiġu moqdija l-ħtiġijiet tal-firxa wiesgħa ta' utenti tal-istatistika Ewropea, inklużi entitajiet oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, negozji u ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, b'mod kosteffiċjenti, mingħajr duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi.</p> <p>L-iżgurar tat-tweġġiq konsistenti tal-istatistika tul il-perjodu kollu tal-programm, sakemm dan ma jinterferixx mal-mekkaniżmi ta' twaqqif ta' prijoritajiet tal-ESS.</p>																			
- Riżultat	Attivitajiet ta'	0.170	215	35.441	264	45.194	267	46.617										746	127.252
Subtotal għall-għan speċifiku 1		0.170	215	35.441	264	45.194	267	46.617										746	127.252
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2																			
L-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bil-għan li jkun hemm gwadann fl-effiċjenza u titjib tal-kwalità.																			
- Riżultat	Attivitajiet ta'	0.387	60	22.504	68	26.482	69	27.260										197	76.246
Subtotal għall-għan speċifiku 2		0.387	60	22.504	68	26.482	69	27.260										197	76.246

¹ Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

² Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/ċi".

GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3

It-tisħiħ tas-sħubija fl-ESS u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha

- Riżultat	Attivitajiet ta' statistika	0.056	28	1.530	28	1.569	28	1.609									84	4.708
Subtotal għall-għan speċifiku 3		0.056	28	1.530	28	1.569	28	1.609									84	4.708
TOTAL		0.204	303	59.475	360	73.245	364	75.486									1027	208.206

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2018 ¹	Sena 2019	Sena 2020		Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	------------------------	-----------	-----------	--	--	-------

INTESTATURA 5 TAL-QFP							
Riżorsi umani	88.904	87.148	85.392				261.444
Nefqa amministrattiva oħra	3.290	3.290	3.290				9.870
Subtotal INTESTATURA 5 TAL-QFP	92.194	90.438	88.682				271.314

Barra mill-INTESTATURA 5 TAL-QFP²							
Riżorsi umani	2.584	2.650	2.718				7.952
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.646	0.663	0.679				1.988
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 TAL-QFP	3.230	3.313	3.397				9.940

TOTAL	95.424	93.751	92.079				281.254
--------------	---------------	---------------	---------------	--	--	--	----------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'appropriazzjonijiet mid-DG li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew riallokati fid-DG, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

¹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

² Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'apport għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time

	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u persunal temporanju)						
29 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni))	605	593	581			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)	104.6	102.6	100.6			
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 ss ¹	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħra (speċifika) 29 01 04 01	39.0	39.0	39.0			
TOTAL	748.6	734.6	720.6			

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-kompiti li għandhom jitwettqu min-naħa waħda jikkonċernaw prinċipalment ix-xogħol metodoloġiku u min-naħa l-oħra l-ġbir, il-validazzjoni, l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni statistika relatata mal-isferi stabbiliti fir-Regolamenti applikabbli għall-istatistika Ewropea. Huma jirreferu wkoll għall-attivitajiet ABB tal-Eurostat “Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat” u “Strateġija u koordinazzjoni ta' politika tal-Eurostat”.
Persunal estern	Biex jappoġġa lill-uffiċjali u l-aġenti temporanji fit-twettiq tal-kompiti msemmija hawn fuq.

¹ Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-QFP kurrenti*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-QFP kurrenti.
- Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti tal-QFP.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

Żieda totali ta' EUR 25.2 miljun fuq il-programmazzjoni finanzjarja eżistenti hija proposta għall-partita tal-baġit 29 02 01 għall-perjodu 2018-2020. Din iż-żieda xorta waħda se tikkonforma mal-limiti massimi globali tal-Intestatura 1a previsti fil-Qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix il-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020		Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Kontribuzzjoni riċevuta mill-Konfederazzjoni Żvizzera	3.899	4.210	4.224					12.333
TOTAL tal- approprjazzjonijiet kofinanzjati	3.899	4.210	4.224					12.333

Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjoni jiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	L-impatt tal-proposta/l-inizjattiva ¹					Daħħal snin daqs kemm ikun meħtieġ sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3			
Artikolu								

Għad-dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

¹ Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għal ispejjeż ta' ġbir.